**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (Għawdex)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana LL.D., LL.M (Cardiff) Adv. Trib. Eccl. Melit.**

**Illum, is-6 ta' Diċembru 2024**

**Każ Nru: 44/2023**

**IR-REPUBBLIKA TA' MALTA**

**Vs**

**YLISHA XERRI**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta' **Ylisha Xerri** ta' 16 il-sena, bint Martin u Audrey Xerri xebba Galea, imwieled nhar is-16 ta' Settembru 2007 u residenti 52, Triq it-Torri Tingi, Xewkija, Għawdex u detentriċi tal-karta ta' l-identita' Maltija bin-numru 20907H senjatament akkużata talli matul ix-xahar ta' Novembru 2023 u/jew fix-xhur ta' qabel, ġewwa r-residenza 52, Triq it-Torri Tingi, Xewkija, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer Maltin:

1. Ikkommetiet serq ta' flus u/jew oġġetti, liema serq huwa kkawlifikat bil-**valur** u bil-**lok**, liema valur tal-ħaġa misruqa jkun iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin centezmu €2,329,37 u dan ghad-detriment ta' **Audrey Xerri** u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entita' u/jew entitajoet oħra.

U aktra talli, matul il-ġurnata tal-15 ta' Novembru 2023 u/jew fil-ġranet ta' qabel ġewwa 52, Triq it-Torri Tingi, Xewkija, Għawdex u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gzejjer;

2. Xjentament laqghet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat

F'każ ta' ħtija għar-reat hawn fuq imsemmi, il-Qorti kienet ġentilment mitluba sabiex tħaddem kontra l-ħati d-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 15A, 532A u 532B tal-Kodiċi Kriminali, u dan minbarra li tinfliġġi l-piena jew peini li tistabbiixxi l-liġi;

F'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, il-Qorti ġiet ġentilment mitluba sabiex tapplika l-Artikoli 382, 383, 384 u 385 tal-Kodiċi Kriminali għas-sigurta tal-partijiet leżi;

Il-Qorti rat l-artikoli ndikati.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha.

Rat li l-imputata irreġistrat ammissjoni bikrija fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2023, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata wara li hija ngħatat żmien raġjonevoli sabiex tirrikonsidra. [1]

Rat dak li ġie vverbalizzat fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2023.

Rat il-*pre-sentencing report* imħejji[2].

Semgħet ix-xhieda.

Semgħet trattazzjoni finali.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza tal-lum.

**Ikkunsidrat:**

Fid-dawl tal-ammissjoni magħmula, din il-Qorti ma tistax ħlief issib lill-imputata ħatja ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjoni.

Dwar il-piena, din il-Qorti qieset il-fatti kollha ta' dan il-każ u eżaminat l-atti proċesswali.

Qieset ukoll il-*pre-sentecing* report eżebit. Ikkunsidrat ix-xhieda mogħtija kemm mill-Probation Officer Annabelle Buġeja u kemm mill-ħaddiem soċjali Joseph Portelli.

[1] A fol 4 tal-proċess
[2] A fol 58 tal-proċess

Din il-Qorti qieset ukoll fit-tul il-kontenut tal-*pre-sentencing report* imħejji fejn ġiet suġġerita li l-imputata tkun taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation biex tingħata is-support u l-għajnuna meħtieġa. Tosserva li l-imputata għandha il-vizzju tad-droga iżda sal-lum qatt ma kienet xellfet difrejha mall-ġustizzja.

Wara li qieset ix-xhieda mogħtija, l-eta tal-imputata kif ukoll il-fedina penali tagħha, l-Qorti hija tal-fehma li fil-każ odjern il-piena idoneja għandha tkun dik ta' Ordni ta' Probation flimkien ma' ordni ta' trattament bil-għan li l-imputata jkollha s-support professjonali ta' nies imħarrġa biex jitrattaw il-problemi li qed tiffaċċja.

Fid-dawl ta' dan ir-raġunament, din il-Qorti tqis li jeżistu raġunijiet biżżejjed sabiex jiġi applikat l-artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261(c) u (e), 267, 269 (g), 279(b), 280(1), 334, 15A, 532A u 532B, 382, 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputata hatja ta' imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, iżda billi Hija tal-fehma li jissussistu l-elementi ai termini tal-artikolu 7(2) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta, tqiegħed lil Ylisha Xerri taħt ordni ta' probation għall-perijodu ta' tlett (3) snin mill-lum a tenur tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal- 5 Liġijiet ta' Malta, liema ordni hija suġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u annessa ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

In oltre, il-Qorti qegħda tqiegħed lill-ħatja taħt ordni ta' trattament ai termini tal-artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal perjodu ta' tlett (3) snin, liema ordni hija suġġetta għall-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti llum stess u annessa ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Ai termini ta' l-artikolu 7(7) tal-Kap. 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-ħatja bi kliem ċar u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ta' probation u tal-ordni ta' trattament u tal-kundizzjonijiet kollha elenkati fid-digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'każ li tonqos milli tikkonforma ruħha ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'kaz li tagħmel reat ieħor tul it-terminu ta' l-ordni ta' probation u ta' l-ordni ta' trattament, tista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom instabet ħatja b'din is-sentenza.

Ai termini ta' l-artikolu 7(8) tal-kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza, tal-Ordni ta' Probation u ta' l-Ordni ta' Trattament mogħtija b'digrieti tal-llum stess għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jiġi assenjat uffiċjal tal-Probation biex ikun responsabbli għas-sorveljanza ta' l-istess ħatja.

Finalment il-Qorti tordna li ai termini ta' l-artikolu 392A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna li fit-terminu stipulat fl-istess artikolu, l-Avukat

Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma’ aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

(ft.) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft.) Daniel Sacco
D/Reġistratur

Vera kopja

Ghar-Reġistratur

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**ORDNI TA' PROBATION (MAGĦMUL SKONT L-ARTIKOLU 7 TAL-KAPITOLU 446 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

Maġistrat Dottor Brigitte Sultana.

Illum: 6 ta'Diċembru, 2024

Il-Pulizija

vs

Ylisha Xerri

Il-Qorti,

Billi b'sentenza mogħtija llum fl-ismijiet premessi, Ylisha Xerri ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Probation u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' Probation (inklużi l-kondizzjonijiet addizzjonali speċifikati hawn taħt skond l-

Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta) u illi jekk tonqos li tħares din l-Ordni jew tagħmel xi reat ieħor matul il-perjodu ta' tliet snin millum, tkun tista tiġi kkundannata għar-reat li għalih qed tiġi magħmula din l-Ordni, u illi l-ħatja wriet li trid tħares il-kondizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Probation;

Għalhekk tordna li l-ħatja Ylisha Xerri, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 20907H tkun għal perjodu ta' tliet snin millum taħt is-sorveljanza ta' Uffiċjal tal-Probation taħt dawn il-kundizzjonijiet:

1. Li matul il-perjodu ta' probation, il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi kollha tal-Probation Officer u żżomm dak il-kuntatt meħtieġ u mitlub mill-uffiċjal tal-probation maħtur lilha.

2. L-Uffiċjal tal-probation maħtur għal dan l-iskop għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

3. Il-ħatja għandha tavża immedjatament lill-Uffiċjal tal-probation b'kull bdil li talvolta tagħmel fl-indirizz residenzjali tagħha.

4. Li għandha żżomm ruħha f'kuntatt mal-uffiċjal tal-Probation skont id-direttivi li jagħtiha minn żmien għall-iehor l-istess Uffiċjal tal-Probation; u partikolarment li hija għandha, jekk l-Uffiċjal tal-Probation ikun hekk irid, tirċievi żjarat tal-istess Uffiċjal tal-Probation.

5. Li l-ħatja għandha toqgħod għal kull programm, ordni, inizjattiva u/jew direttiva tal-Uffiċjal tal-Probation intizi li jgħinu lill-ħatja biex ma terġax tirrepeti r-reat jew tikkommetti reati oħra kif ukoll sabiex tegħleb il-vizzji mill-abbuż mid-droga.

6. Li l-ħatja għandha tibqa' tiġi segwita skont ma jkun meħtieġ u skont kif ordnat lilha mill-Uffiċjal tal-Probation :

(a) minn Psikjatra tal-għażla tagħha jew jekk ma tkunx f'qagħda li tagħżel hi stess minn Psikjatra magħżul lilha mill-istess Uffiċjal tal-Probation skont l-aħjar interess tal-ħatja kif ukoll;

(b) mis-servizz psikoloġiku fi ħdan id-Dipartiment tas-Servizzi ta' Probation u Parole.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Serivizzi tal-Probation u Parole ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

Maġistrat Dr. Brigitte Sultana    Ylisha Xerri

Deputat Reġistratur

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**ORDNIJIET TA' TRATTAMENT (MAGĦMUL SKONT L-ART. 412 D TAL-KAP.9 TAL-LIĠIJIET TA' MALTA)**

**Maġistrat Dottor Brigitte Sultana.**

Illum 6 ta' Diċembru, 2024.

Il-Pulizija

vs.

Ylisha Xerri

Il-Qorti,

Billi b`sentenza mogħtija llum, fl-ismijiet fuq premessi, Ylisha Xerri ġiet misjuba ħatja kif imfisser fl-istess sentenza u ġiet mpoġġija taħt Ordni ta' trattament ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta wara li kkunsidrat li jkun xieraq li jsir dan l-Ordni ta' Trattament;

Wara li fissret lill-ħatja bi kliem ċar l-effett ta' din l-Ordni ta' trattament u illi jekk tonqos li tħares jew li milli tikkonforma ruħha ma' xi rekwiżit jew kundizzjoni tal-ordni sakemm dan l-Ordni jkun fis-seħħ, l-Qorti tista'

twaħħal ammenda ta' mhux iżjed minn elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69).

Wara li l-ħatja wriet li trid tħares il-kundizzjonijiet ta' din l-Ordni ta' Trattament;

Għalhekk, tordna li l-ħatja Ylisha Xerri detentriċi tal-karta tal-identita' numru 20907H titpoġġa taħt ordni ta' trattament għal perjodu ta' tlett snin taħt il-kundizzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. It-Trattament inizjalment ghandu jkun wieħed residenzjali fiċ-Ċentru Tal-Ibwar Adolescents Therapeutic Centre;

2. Wara l-perjodu ta' sena u wara li jintemm it-trattament fiċ-Centru msemmi għandu jkun hemm trattament ta' natura psikjatrika u psikoloġika skont kif l-Uffiċjal tal-Probation hawn taħt maħtur jiddetermina fl-aħjar interess tal-ħatja, u dan sabiex il-ħatja tibqa tiġi segwita u msaħħa sabiex ma terġax taqa fil-vizzju tad-droga;

3. Li matul il-perjodu tal-Ordni ta' Trattament, il-ħatja għandha ġġib ruħha tajjeb, toqgħod għad-direttivi u ordnijiet kollha tal-Uffiċjal tal-Probation u tal-Professjonisti li lilhom tista tiġi riferuta l-ħatja u li żżomm dak il-kuntatt meħtieġ magħhom skont il-ħtieġa tal-każ u s-sitwazzjoni;

4. L-Uffiċjal Sorveljanti għandu jirraporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-ħatja kull sitt xhur.

TORDNA li kopja ta' din l-Ordni tingħata lil ħatja u lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Dr.Brigitte Sultana

Maġistrat

Ylisha Xerri

Deputat Reġistratur